

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0030/09
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Josep Borrell Fontelles f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp
lill-Kummissjoni

Suġġett: Rapport Nru 10/2008 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Għajnuna tal-KE għall-Iżvilupp fir-rigward tas-Servizzi tas-Saħħa fl-Afrika tas-Sub-Saħħara

Fir-Rapport Speċjali Nru 10/2008 tagħha dwar l-“Għajnuna tal-KE għall-Iżvilupp fir-rigward tas-Servizzi tas-Saħħa fl-Afrika tas-Sub-Saħħara”, il-Qorti tal-Awdituri tinnota li l-fondi ġenerali mogħtija mill-Kummissjoni lill-qasam tas-saħħa huwa ‘aktar baxx mill-impenji u l-punti ta’ riferenza’ minkejja l-impenji tal-Kummissjoni għall-MDGs u l-kriżi tas-saħħa fl-Afrika tas-Sub-Saħħara. Il-finanzjament dirett lill-qasam tas-saħħa naqas (minn 5.1% fit-tmien EDF, għal 3.5% fl-għaxar EDF), filwaqt li l-għajnuna mogħtija permezz tal-Appoġġ tal-Baġit Ġenerali żdied, għalkemm, fil-fehma tal-Qorti, “x’aktarx li dan mhux se jwassal sabiex bosta riżorsi jkunu ddestinati għas-saħħa”.

Il-Qorti tinnota wkoll li l-Appoġġ tal-Baġit Ġenerali m’intużax b’mod effettiv biex jittejjbu s-sistemi tas-saħħa.

Kif biħsiebha l-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tappoġġja s-sistemi tas-saħħa fl-Afrika tas-Sub-Saħħara?

Biħsiebha l-Kummissjoni tirrevedi l-allokkazzjonijiet mogħtija lill-qasam tas-saħħa waqt ir-reviżjoni ta’ nofs iż-żmien tal-10 EDF?

Biħsiebha l-Kummissjoni tirrevedi d-distribuzzjoni attwali tar-riżorsi bejn l-Appoġġ tal-Baġit tas-Settur u l-Appoġġ tal-Baġit Ġenerali? Għandha l-ħsieb il-Kummissjoni li tistabbilixxi linja gwida ċara dwar meta kull strument għandu jiġi utilizzat u b’liema mod għandhom l-aħjar jintużaw flimkien?

B’liema mod sejra l-Kummissjoni Ewropea żżid il-kapaċità tagħha f’termini ta’ staff u riżorsi, kemm fil-Kwartieri Ġenerali tagħha kif ukoll fil-livell tad-delegazzjonijiet, biex tappoġġja l-istrateġija tagħha f’pajjiżi oħra, kif ukoll biex tiżgura l-effikaċja tal-infiq tal-Fond Globali biex jiġu miġġielda l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-malarja?

Biħsiebha l-Kummissjoni tibni sistema ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni li tippermetti t-turija ta’ evidenza tal-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni tal-BDGs dwar is-saħħa fuq livell nazzjonali?

Imressqa: 19.02.2009
Mibgħuta: 23.02.2009
Skadenza: 02.03.2009